



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Lulju 2020
(OR. en)

10059/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0158(NLE)

AGRI 222
FORETS 18
DEVGEN 108
ENV 453
RELEX 576
JUR 374
PROBA 17

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Lulju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 341 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 341 final.

Mehmuż: COM(2020) 341 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2020
COM(2020) 341 final

2020/0158 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)¹, approvat mill-Kunsill fl-2003² jipproponi sett ta' miżuri li jinkludu l-appoġġ għall-pajjiżi li jipproduċu l-injam, il-kollaborazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra l-kummerċ tal-injam illegali, l-appoġġ għal inizzjattivi tas-settur privat, kif ukoll miżuri li jnaqqas l-investiment f'attivitajiet li jħeġġu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam. Il-ġebbla tax-xewka tal-Pjan ta' Azzjoni hija l-istabbiliment ta' sħubijiet FLEGT bejn l-UE u pajjiżi li jipproduċu l-injam, bl-għan li jwaqqfu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam. Fl-2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea³, mekkaniżmu li jippermetti l-verifika tal-legalità tal-injam importat fl-UE fil-qafas tas-sħubijiet FLEGT.

Fl-2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet ta' sħubija FLEGT ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam⁴.

Il-Kummissjoni bdiet in-negozjati mal-Honduras fl-2013. Il-Kummissjoni żammet lill-Kunsill aġġornat regolarment dwar il-progress, b'rapporti lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti, kif ukoll lill-missjonijiet tal-Istati Membri fil-Honduras. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Parlament Ewropew bl-iżviluppi fin-negozjati. Il-partijiet regolarment offrew li jagħmlu laqgħat pubbliċi wara s-sessjonijiet ta' negozjar sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu infurmati dwar il-proċess.

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-UE u l-Honduras (il-Ftehim) jindirizza l-elementi kollha li hemm fid-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill. B'mod partikolari, jistabbilixxi l-qafas, l-istituzzjonijiet u s-sistemi għas-sistema ta' garanzija tal-legalità tal-injam għall-iskema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT. Jistabbilixxi wkoll il-qafas għall-monitoraġġ tal-konformità u għall-evalwazzjoni indipendenti tas-sistema. Il-Ftehim jinkludi impenn ċar mill-Honduras li tiżviluppa leġiżlazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-injam importat fil-Honduras ikun ġie maħsud legalment b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad. Dawn l-elementi huma stabbiliti fl-annessi tal-Ftehim, li jipprovdu deskrizzjoni dettaljata tal-istrutturi li se jirfdu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' legalità tal-injam tal-Honduras, kif ukoll kriterji għall-valutazzjoni tal-operattività tas-sistema qabel deċiżjoni futura dwar il-bidu tal-iskema tal-liċenzji FLEGT.

Il-Ftehim għandu l-għan li jsaħħaħ il-governanza u l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali u, permezz tal-iskema tal-liċenzji FLEGT, se jiggarrantixxi lis-suq tal-UE li l-injam esportat mill-Honduras ġej minn injam maħsud legalment. Ladarba jinħarġu l-liċenzji FLEGT, il-Ftehim se jiffaċilita l-konformità tal-importaturi tal-UE mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam⁵, li jgħid li l-injam u l-prodotti tal-injam koperti

¹ COM(2003) 251.

² ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

³ ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

⁴ Id-dokument ristrett tal-Kunsill 10229/2/05 (deklassifikat fl-24 ta' Settembru 2015).

⁵ ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

b'liċenzja FLEGT jitqiesu li jkunu ġew maħsuda legalment għall-iskopijiet ta' dak ir-Regolament.

Il-Ftehim jistabbilixxi mekkaniżmu għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Honduras fir-rigward tal-iskema tal-liċenzji FLEGT, permezz ta' Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, jistabbilixxi prinċipji dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, is-salvagwardji soċjali, l-akkontabilità u t-trasparenza, u mekkaniżmi għall-ilmenti, għall-monitoraġġ u għar-rapportar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim mhuwiex limitat biss għall-kopertura tal-prodotti proposta fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 u jkopri firxa wiesgħa ta' prodotti tal-injam esportati.

Il-Ftehim jipprevedi kontrolli tal-importazzjoni fil-fruntieri tal-UE, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 dwar l-iskema ta' liċenzjar FLEGT u fir-Regolament (KE) Nru 1024/2008 li jistabbilixxi miżuri ddettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-Ftehim jinkludi deskrizzjoni tal-liċenzja FLEGT tal-Honduras, li tuża l-format preskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi aktar 'il fuq.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-inizjattiva hija konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 995/2010 minħabba li l-prodotti tal-injam li se jkunu koperti bil-liċenzji FLEGT maħruġin fil-Honduras b'konformità ma' dan il-Ftehim se jitqiesu li ġew maħsuda legalment skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-FLEGT, il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim hija rilevanti għall-politika tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp minħabba li mhux biss jippromwovi l-kummerċ tal-injam maħsud legalment, iżda għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ it-tnexxija fis-settur forestali fil-Honduras permezz tat-titjib tat-trasparenza, tal-akkontabilità u tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Peress li l-implimentazzjoni tal-Ftehim se ssaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, din l-inizjattiva se tikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' inqas emissjonijiet mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni tal-foresti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Huwa u jitqies l-oġettiv u l-kontenut tal-Ftehim, li jipprovdi qafas ġuridiku bl-għan li jiżgura li l-importazzjonijiet ikollha fl-Unjoni mill-Honduras ta' injam u prodotti tal-injam koperti mill-Ftehim ikunu ġew prodotti legalment, l-Unjoni għandha l-kompetenza esklużiva biex tikkonkludih f'konformità mal-Artikoli 207(3) u (4) TFUE. L-Artikolu 218(5) TFUE jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim fuq proposta min-negozjatur.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim hija konformi mal-Pjan ta' Azzjoni għall-FLEGT u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija skont l-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Mejju tal-2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE"¹, li talbet li jkun hemm miżuri biex jiġi indirizzat il-qtuqħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarja ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dak il-Pjan ta' Azzjoni ġew adottati f'Ottubru tal-2003², u l-Parlament adotta reżoluzzjoni dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005³.
- (2) Fil-5 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam dwar ftehimiet ta' sħubija biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali.
- (3) Fl-20 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005⁴ li stabbilixxa skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fl-Unjoni minn pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' sħubija volontarja.
- (4) In-negozjati mar-Repubblika tal-Honduras bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi, tmexxija u kummerċ fis-settur forestali (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") intemmu b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-14 ta' Ġunju 2018.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

¹ COM(2003) 251.

² ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

³ ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Honduras dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat jinsab meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Ftehim biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*